# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 562/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MF**

**Vs**

**AF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MF, datat 27 ta' Diċembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewget lil AF nhar it-tlettax (13) ta' Dicembru, tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (1989) gewwa l-Parrocca ta' Bormla, (certifikat taz-zwieg esebit, anness u mmarkat Dok 'A');*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';*

*Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt (2) itfal, K u R, ahwa F it-tnejn maggorenni u ghalhekk ebda manteniment ma hu dovut (vide pagna hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness, klawzola numru (6) (vide. Dok. 'B');*

*Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif tixhed klawzola numru hamsa (5), pagna hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');*

*Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzji tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti MF titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.*

*Tawtorizza lil MF tirriverti ghal kunjom xbubitha 'G'.*

*Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MF** xehdet a fol 13 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Dicembru 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-22 t'Ottubru 1996 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt 'itfal, li llum -il gurnata huma

maggorenni. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AF** xehed a fol 16 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement li l-partijiet kienu izzewwgu nhar it-13 ta' Dicembru, 1989, fil-Parocca ta' Bormla (Vide Dok A, a fol 3) u illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, li llum il-gurnata huma maggorenni;

Il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom separati legalment permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Ottubru, 1996 in atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (Vide Dok B, a fol 4 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u wkoll tawtorizza lil MF sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe G u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**